IL-FGURA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

## Laqgħa b'urġenza

## Laqgħa Nru. 44/2016

Data: L-Erbgħa 18 ta' Mejju 2016

Hin: 18:15 hrs

Post: 68, 'Dar il-Kunsill', Triq il-Karmnu, Il-Fgura

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Dr. Byron Camilleri – Sindku<br>Sur Pierre Dalli – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Sur Jesmond Zammit – Kunsillier<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier<br>Sur Saviour Camilleri – Kunsillier<br><br>Sur Christopher Cutajar – Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Sur Rene Zammit – Kunsillier<br>Sur Ryan Ellul – Kunsillier |
| Assenti: | L-ebda Kunsillier. |

## AĠENDA

1. Segretarju Eżekuttiv

## Minuti - *44*/2016

## 1. Segretarju Eżekuttiv

**1.1** Is-Sindku għamel referenza għall-ittra ta' riżenja mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Christopher Cutajar. Huwa rringrazzja lis-Segretarju tas-servizz li ta lill-Kunsill matul dawn l-aħħar ħames snin.

Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv

**1.2** Is-Sur S Camilleri awgura kull suċċess lis-Segretarju Eżekuttiv fil-kariga l-ġdida li ser ikun qed jokkupa u qal li jinsab ċert li għandu jkollu l-ħila jwettaq dmiru kif mitlub, bħalma għamel fil-Kunsill Lokali tal-Fgura. Ringrazzjamenti

**1.3** Is-Sur M Lombardo qal li huwa tal-istess fehma tas-Sur S Camilleri.

**1.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4305/16/7 "Dan il-Kunsill jinnota l-ittra ta' riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv Christopher Cutajar. Jirringrazzja lis-Sur Cutajar tas-servizz eċċellenti li huwa ta lill-Kunsill matul dawn is-snin li huwa serva bħala Segretarju Eżekuttiv. Ħatra tas-Sur Kurt Scerri bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv

Jiddeċiedi li jappunta lil Kurt Scerri, Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Paola, bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Jiddeċiedi li joħroġ il-*call* għal Segretarju Eżekuttiv la darba tkun pubblikata l-lista tal-*pool* tas-Segretarji l-ġdida. Din għandha tkun pubblikata fi żmien qasir." Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4305/16/7 ġiet approvata unanimament.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:20.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| *Dr. Byron Camilleri*<br>*Sindku* | *Sur Kurt Scerri*<br>Deputat *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: *14 ta' Ġunju, 2016*